C/2026/1986

1.4.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.12345 – SIRIUS / BROOKFIELD / PARADISE JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/1986)

1. Fit-23 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Brookfield Corporation ("Brookfield", il-Kanada)

— SIRIUS Holdings Limited ("Sirius", il-Gżejjer Cayman), ikkontrollata minn Sheikh Hamad bin Jassim Al Thani (il-Qatar),

— BREF Paradise JV L.P. ("Paradise JV", il-Gżejjer Cayman), ikkontrollata minn Brookfield.

Brookfield u Sirius se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Paradise JV.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Brookfield hija ditta tal-investiment globali. L-investimenti tagħha jiffokaw l-aktar fuq l-enerġija rinnovabbli u t-tranżizzjoni, l-infrastruttura, l-ekwità privata u l-proprjetà immobbli, kif ukoll il-kreditu korporattiv, l-assi reali u l-ekwitajiet elenkati u l-kiri fis-settur tal-avjazzjoni u l-finanzjament speċjalizzat.

— SIRIUS huwa kkontrollat minn Sheik Hamad bin Jassim Al Thani, li għandu interessi f'diversi negozji fil-Qatar u barra mill-pajjiż, inkluż fis-settur tal-proprjetà immobbli tal-ospitalità u f'diversi ditti tas-servizzi finanzjarji regolati.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Paradise JV huma: is-sjieda u l-operat ta' ċentru magħruf bħala ċ-ċentru "Atlantis" fil-Gżira ta' Paradise, li jinsab fil-Bahamas.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12345 — SIRIUS / BROOKFIELD / PARADISE JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË